IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/80

tas-27 ta' Jannar 2021

li jikkonċerna n-nuqqas ta' approvazzjoni tad-diossidu tal-karbonju bħala sustanza bażika f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(5) flimkien mal-Artikolu 13(2),

Billi:

(1) Fis-27 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni mingħand Dr. Knoell Consult GmbH għall-approvazzjoni tad-diossidu tal-karbonju (E 290) għall-konsum mill-bniedem bħala sustanza bażika (Nru CAS 124-38-9). L-applikazzjoni rreferiet għall-użu bħala fumigant wara l-ħsad kontra l-insetti u d-dud.

(2) Id-diossidu tal-karbonju huwa diġà approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti għall-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti mill-1 ta' Settembru 2009 ([2]) u huwa inkluż fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([3]).

(3) Attwalment id-diossidu tal-karbonju huwa awtorizzat u jitqiegħed fis-suq bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti f'bosta Stati Membri. L-ispeċifikazzjoni tal-identità tas-sustanza fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni bħala sustanza bażika hija l-istess bħal dik tas-sustanza attiva approvata.

(4) Minkejja li t-tielet subparagrafu jipprevedi li l-oġġetti tal-ikel iridu jiġu kkunsidrati bħala sustanza bażika, l-Artikolu 23(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jeskludi l-approvazzjoni tad-diossidu tal-karbonju għall-konsum mill-bniedem, peress li sustanza tista', fost kriterji oħra, tiġi approvata biss bħala sustanza bażika jekk ma jitqegħdux fis-suq bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Madankollu, attwalment dan hu l-każ għad-diossidu tal-karbonju għall-konsum mill-bniedem.

(5) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni ġdida għall-approvazzjoni tad-diossidu tal-karbonju bħala sustanza bażika f'konformità mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ladarba tiskadi l-approvazzjoni eżistenti tad-diossidu tal-karbonju bħala sustanza attiva u ladarba jkunu ġew irtirati jew jiskadu l-awtorizzazzjonijiet kollha għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sustanza diossidu tal-karbonju (E 290) mhijiex approvata bħala sustanza bażika.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/127/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni ta' bosta sustanzi attivi (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 89).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN